Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 178/2019: **BJORN GAUCI** (KI. 395690M) **V.** KURATURI DEPUTATI F'ISEM U GĦAN-NOM TAL-ASSENTI **DORA LUCA PETROCZI** (PASSAPORT UNGERIŻ BC2945233) U B'DIGRIET DATAT 9 TA' SETTEMBRU 2019 IL-QORTI NNOMINAT LIL DR. LEONTINE CALLEJA BĦALA KURATUR DEPUTAT

(PREŻENTATA TA' RIKORS ĠURAMENTAT MINFLOK RIKORS SEMPLIĊI QUDDIEM IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI - KSUR TA' OBLIGAZZJONI KUNTRATTWALI TA' HLAS)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17 ta' Jannar 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ġuramentat ta' Bjorn Gauci ("ir-rikorrent") ippreżentat fid-19 ta' Awwissu 2019,

wara li ir-risposta ta' Dr. Leontine Calleja li ġiet maħtura mill-Qorti fid-9 ta' Settembru 2019 bħala kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lill-assenti Dora Luca Petroczi ("l-intimata") tat-22 ta' Settembru 2019, [1]

wara li rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet u fejn applikabbli qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Michele Cardinali,

[1] Fol 24

- tal-intimata, mill-Avukat Dr. Leontine Calleja,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Atti tal-bidu

1. Ir-rikorrent talab sabiex għar-raġunijiet elenkati fir-rikors ġuramentat tiegħu din il-Qorti:

    1. *“Tiddikjara u tikkonferma illi Dora Luca Petroczi, detentriċi tal-Passaport Ungeriż numru BC2945233 hija debitriċi tal-esponent;*

    2. *Tillikwida l-ammont ta' flus dovuti mill-intimata lill-esponent, inkluż l-interessi kummerċjali li ddekorrew skond l-iskrittura privata bejn il-partijiet;*

    3. *Tordna lill-intimata sabiex tħallas l-ammont kif likwidat u ddikjarat li huwa dovut lill-esponent.”*

    Intalbu ukoll l-ispejjeż kontra l-intimata li ġiet inġunta in subizzjoni.

2. Fir-risposta ppreżentata tramite l-kuratur deputat nominata mill-Qorti sabiex tirrapreżentaha f’dawn l-atti, l-intimata eċċepiet illi:

    1. *“F’dan l-istadju l-esponenti m'hiex edotta mill-fatti u għalhekk tirriserva li tippreżenta risposta ulterjuri fi stadju ieħor tal-proċeduri;*

    2. *Illi huwa l-attur li għandu l-piż tal-prova u ċioé illi permezz tal-provi mressqa minnu jikkonvinċi lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet Ii l-istess attur qiegħed jagħmel fil-konfront tal-intimata huma fondati”*

3. L-Art. 171(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi kif ġej:

    *‘171. (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, jitmexxa bil-mod ta’ rikors li jkun skont l-għamla preskritta u jsir fl-għamla ta’ avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom tal-attur u tal-konvenut, it-talba tal-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu preskritti.’*

4. Fir-rigward tal-proċeduri quddiem il-Qrati Superjuri imbagħad l-Art. 161(1) u (2) jipprovdu illi:

   *'161. (1) Fil-Qrati Superjuri u tal-Maġistrati f'Malta u Għawdex, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors iżda f'dawk superjuri għandu jkun ġuramentat.*

   *(2) Il-proċedimenti jistgħu jitmexxew b'rikors fil-każijiet preskritti bi jew skont xi liġi.'*

5. Għal xi raġuni r-rikorrent għalkemm fetaħ il-kawża odjerna quddiem din il-Qorti għażel li jagħmel hekk permezz ta' rikors maħluf li jsegwi d-dettami tal-liġi dwar dak li għandu jkollu fih rikors ta' dik ix-xorta inkluż l-kliem stampat taħt l-intestatura tal-Qorti: *"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, ċioe minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."*[2]

6. Din il-Qorti però m'hijiex Qorti Superjuri u l-proċeduri quddiemha ma' jsirux b'rikors ġuramentat iżda bil-mezz ta' rikors sempliċi ossia avviż u dan skond kif jiddisponi l-Art. 171 fuq imsemmi. Min jagħmel rikors/avviż skond l-Art. 171 m'huwiex tenut jagħmel lista ta' dokumenti u xhiedha li beħsiebu jressaq matul il-kawża. Min jirċievi rikors/avviż skond l-Art. 171 m'huwiex tenut jirrispondi fi żmien għoxrin ġurnata. Huwa minnu li din il-Qorti kif presjeduta taddotta sistema sabiex tħaffef u tiffaċilita l-proċess u l-perkors tal-kawżi intavolati quddiema billi bl-applikazzjoni tal-Art. 173(1) toħroġ ordni *in camera* mal-preżentata tal-kawża b'ordni *inter alia "lill-intimat/a/i sabiex j/tippreżenta/w r-risposta tiegħu/tagħha/tagħhom, u jekk ikun il-każ, il-kontrotalba, fi żmien għoxrin (20) ġurnata min-notifika u sabiex j/tinnotifika/w lir-rikorrent/i b'kopja tar-risposta (u jekk ikun il-każ tal-kontrotalba) skond il-liġi".* Madanakollu apparti li din m'hijiex proċedura addottata b'mod ġenerali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, f'dan il-każ it-terminu jibda jgħaddi mid-data tan-notifika tal-ordni *in camera* u mhux min-notifika tar-rikors/avviż.

[2] Art. 156(1)(d) tal-Kap. 12

7. Fis-sentenza fl-ismijiet: "**Michael Debono noe. v. Mario Debono pro. et. noe**" **(29/11/2011, Rik. Nru. 50/2011 JZM)** f'kuntest fejn l-intimat kien irrisponda għal rikors mhux maħluf intavolat ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta (liema proċedura titlob li l-azzjoni tinbeda f'rikors sempliċi mhux b'rikors maħluf) bil-mezz ta' risposta maħlufa (u kontrotalba) minflok risposta sempliċi, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet issollevat ex-officio in-nullita ta' dik ir-risposta u rriteniet is-segwenti:

*"In sintesi, l-argument tal-intimati huwa dak ta` il piu` comprende il meno fis-sens li bil-fatt li kienet preżentata risposta guramentata minflok risposta mhux mahlufa ghandu jitqies bhala fattur agguntiv li jaghti aktar solennita` lir-risposta u m`ghandux ikun fattur ta` rregolarita` jew ta` nullita` tal-istess.*

*Fil-kamp generali tal-kawzi li huma regolati bil-Kap.12 u li jaqghu fil-kompetenza ta` l-Prim`Awla tal-Qorti Civili, l-istanza titmexxa b`rikors guramentat li b`effett tal-Att XXII tal-2005 issostitwixxa c-citazzjoni. Ghall-att li jaghti bidu ghall-procediment, effett tal-istess Att XXII tal2005, ir-risposta guramentata hadet post in-nota tal-eccezzjonijiet. Daqstant fil-kuntest ta` kawza b`mod ġenerali regolata bil-Kap.12. Pero` l-Kap.386 huwa ligi specjali li tigbor fiha mhux biss disposizzjonijiet sostantivi izda anke ohrajn ta` procedura. Ghalhekk dak li jghodd ghall-Kap.12 mhux bilfors ighodd ukoll ghall-Kap.386. L-Art.402 tal-Kap.386 jahseb ghal procediment u rimedji li huma ad hoc u sui generis. Il-ligi kienet cara li l-procediment jimxi b`rikors – mhux b`rikors guramentat ai termini tal-Kap.12. Meta sar l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji, l-att rilevanti fil-kuntest tal-Kap.12 kienet diga` ic-citazzjoni. Eppure ghall-fini tal-Art.402 il-legislatur ma nsistiex li l-procedura kellha tkun inizjata b`citazzjoni izda b`rikors semplici. Meta saru l-emendi bl-Att XXII tal-2005 ghall-Kap.12, ma saret l-ebda emenda ghall-Kap.386 sabiex il-procediment bhal fil-kaz tal-Kap.402 jibda b`rikors guramentat minflok b`rikors semplici. Li ghal din il-Qorti jfisser li qatt ma kien hemm il-hsieb min-naha tal-legislatur li l-procediment skond l-Art.402 jibda b`citazzjoni jew b`rikors guramentat iżda anzi ried li jsir b`rikors semplici. Li ghandu jfisser li fil-kaz ta` twegiba min-naha tal-intimat, dik ma kellhiex issir b`nota ta` eccezzjonijiet jew b`risposta guramentata izda b`risposta semplici ..."* L-istess Qorti fis-sentenza tagħha ddeċediet *inter alia* illi tiddikjara nulla r-risposta ġuramentata u l-kontrotalba tal-intimat u pero akkordatlu żmien sabiex fi żmien għoxrin ġurnata jissostitwixxi r-risposta ġuramentata b`risposta mhux guramentata u dan mingħajr spejjez addizzjonali.

8. F'din il-kawża għalkemm il-*fattispecie* m'humiex identiċi, ir-rikorrent fetaħ il-proċedura b'rikors ġuramentat minflok b'rikors sempliċi. Dan mhuwiex każ ta' *"il piu` comprende il meno"* u m'għandux jitqies bħala fattur aġġuntiv li jagħti aktar solennita` lir-rikors. Il-kwistjoni f'dan il-każ tmur oltre minn hekk billi l-forma tal-att promotur huwa totalment kontra dak li jiddisponi l-Art. 171 (1) tal-Kap. 12 u jsegwi minflok dak li tippreskrivi l-liġi fil-każ ta' rikors ġuramentat ippreżentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Fil-fatt il-Qorti kienet tagħlaq għajnejha li kieku r-rikorrent intavola rikors sempliċi ossia avviż u ħa l-ġurament fuqu għaliex f'dak il-każ ir-rikorrent ma' kien ikun qed ibiddel xejn mill-forma sostantiva tar-rikors. Il-Qorti tasal biex tgħid illi r-rikors kif ġie intavolat jista' faċilment jiżgwida lil min jirċevih billi jimponi fuqu obbligazzjonijiet li fil-verità m'humiex applikabbli fil-konfront tiegħu.

9. Il-Qorti tara illi sussegwentement permezz ta' nota ppreżentata fis-7 ta' Diċembru 2020 ir-rikorrent *inter alia "għal kull buon fini"* ippreżenta l-avviż tal-kawża odjerna *"sabiex jifforma parti mill-proċess tal-istess kawża".* L-avviż huwa ftit differenti mir-rikors maħluf billi issa l-Qorti intalbet ukoll tikkundanna lill-intimat iħallas somma speċifika, ossia dik ta' erbatax-il elf seba' mija u ħamsa u disgħin ewro (€14,795):

   *"Ii ġew imsellfa lill-intimata wara li din talbitu jsellifha tali flus għal diversi raġunijiet inveritieri, b'qerq. Illi minkejja li f'Mejju tal-elfejn u dsatax (2019) l-esponent u l-intimata daħlu fi skrittura privata quddiem I-avukat Dr Zammit Lewis, li permezz tagħha l-intimata ppromettiet li tħallas lura s-somma kollha sopraċitata sal-erbgħa (4) ta' Ġunju 2019, l-intimata baqgħet inadempjenti ..."*

   Fl-istess avviż ir-rikorrent issokta ukoll però billi kif għamel fir-rikors promotur tiegħu talab lill-Qorti sabiex tillikwida l-ammont dovut hija stess u mhux li tillikwida l-ammont fis-somma ta' €14,795. Jiġifieri fl-istess avviż hemm talba kemm sabiex il-Qorti tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrent somma ġia likwidata u kif ukoll talba sabiex tikkundannaha tħallas somma li tiġi likwidata mill-Qorti!

10. Apparti hekk ir-rikorrent ippreżenta dan l-avviż *"għal kull buon fini"* minflok ma' talab lill-Qorti sabiex ir-rikors promotur jiġi sostitwit bl-avviż. Dan ifisser illi l-Qorti għandha quddiemha **<u>żewġt</u>** atti promoturi, rikors maħluf ippreżentat fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali u rikors sempliċi ppreżentat direttament quddiem il-Qorti permezz ta' nota, b'talbiet kważi identiċi ħlief li fl-avviż hemm talba ukoll sabiex il-Qorti tikkundanna lill-intimata tħallas ammont diġa likwidat!

11. Huwa minnu li bl-emendi tal-Att XXIV tal-1995 il-leġislatur permezz tal-Art. 175 ta l-għodda essenzjali lill-Qorti sabiex tipprova issalva l-atti li jiġu ppreżentati

quddiemha billi tawtorizza, sa' fejn tista' , l-korrezzjonijiet, tibdiliet jew sostituzzjonijiet neċessarji u appożita. Madanakollu dan jista' jsir biss meta s-sostituzzjoni jew tibdil ma' jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża.

12. Il-Qorti tqis illi l-avviż li ġie ppreżentat ulterjorment ma' jbiddilx fis-sustanza l-eċċezzjonijiet mressqa mill-intimata. Madanakollu tqis illi t-talba sabiex l-Qorti tikkundanna lill-intimata tħallas somma likwidata, flimkien ma' talba għall-ħlas tal-imgħaxijiet (deskritti bħala kummerċjali – iżjed fuq dan il-punt iktar 'l quddiem f'din is-sentenza), hija waħda li fis-sustanza tbiddel l-azzjoni mhux l-anqas f'dak li għandu x'jaqsam iż-żmien minn meta jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet legali.

13. Inoltre kif ġa ngħad il-Qorti għandha quddiemha **żewġ** atti promoturi mill-istess rikorrent u l-liġi ma' tipprovdix għal x'għandu jiġri f'eventwalità bħal din. Ċertament ma' tistax il-Qorti *ex officio* tqis illi dan huwa sempliċiment żball amministrattiv u ssewwih *da sua sponte* ai termini tal-Art. 175(3) tal-Kap. 12.

14. L-unika triq 'il quddiem biex tiġi salvata din il-kawża hija dik illi l-Qorti tinjora l-avviż ippreżentat permezz ta' nota fis- 7 ta' Diċembru 2020 (jekk xejn għaliex dan ma' ġiex intavolat ġewwa r-Reġistru) u tieħu konjizzjoni biss tat-talbiet magħmula fir-rikors maħluf, konxja tal-fatt illi jekk tagħmel hekk hija ma' tkunx qed tippreġudika l-posizzjoni tal-intimata f'din il-kawża (illi *del resto* ma' jidhirx illi ġiet affettwata bil-fatt illi l-proċeduri infetħu kontriha bil-mezz tar-rikors maħluf minflok bl-avviż) u fl-istess ħin tkun qed tiżgura l-ekonomija tal-ġudizzju. Madanakollu l-Qorti tistqarr li tinsab perplessa bl-attitudni laxka li wera r-rikorrenti f'din il-kawża. Il-liġi tal-proċedura qegħda hemmhekk biex tiġi osservata kemm jista' jkun *verbatim* u mhux biex tiġi applikata *"għal kull bwon fini"*. Huwa għalhekk illi sabiex ma' tippremjax dan in-nuqqas proċedurali il-Qorti ser tieħu ħsieb illi din il-kwistjoni tiġi riflessa fil-kap tal-ispejjeż.

**Provi**

15. Fl-affidavit tiegħu[3] r-rikorrent **Bjorn Gauci** xehed illi huwa ltaqa' ma Dora Petroczi circa f'Mejju tas-sena 2018. Dak iż-żmien qaltlu Ii kien jisimha Jamie Jordan Sawyer u li għandha dan l-isem għaliex missierha kien ta' nazzjonalità Amerikana, u peress Ii dak iż-żmien ma kellu ebda suspett ħażin minnha huwa kien emminha li jisimha hekk. Anke fuq is-sit soċjali ta' Facebook kellha dan I-isem għalkemm illum l-kont

[3] Fol 32-35

tagħha huwa imħassar. Qaltlu li kienet taħdem bħala *event manager* ġewwa kumpanija ibbażata ġewwa Londra, bl-isem ta' *Leading Edge Team,* li saħansitra kellha branch anke hawn Malta. Fi żmien ġimgħat, saru ħbieb sew u kienu jitkellmu regolari permezz ta' Facebook Chat u Whatsapp. F’nofs is-sajf tal-2018, Dora kienet qaltlu li tilfet il-card tal-bank u li ma kellhiex aċċess għall-flus tagħha. Qaltlu Ii kellha problema peress Ii minbarra Ii kellha titla lura Londra sabiex iġġib il-card tal-bank il-ġdid, kellha wkoll tħallas deposit fuq flat ġdid ġewwa tas-Sliema. Dora talbitu jsellifha xi flus sabiex f’Settembru titla Londra u ġġib il-card il-ġdida, kif ukoll sabiex tħallas id-deposit. Wegħditu li meta tiġi lura kienet ser tħallsu immedjatament u għalhekk huwa sellifha s-somma ta’ madwar **€3,000.**

F'dak iż-żmien ukoll, Dora bdiet tħajru sabiex jidħol jaħdem mal-kumpanija Ii kienet taħdem magħha hi. Hi kienet qaltli li jista' japplika għall-kariga ta' *Junior Event Manager* u peress li din il-posizzjoni kienet interessatu, huma kienu ddiskutew f’ċertu dettal l-esiġenzi ta’ din il-kariga u t-termini u I-kundizzjonijiet tieghu tax-xogħol. Kienet introduċietu ma’ ħabib tagħha li jgħix Londra, bl-isem ta' Christian Avery, li qaltlu li kien *coach* tal-Hockey tat-tim ta' Londra. Christian kien qallu Ii t-tim tiegħu kellu ħafna sponsors, inkluż dawk li jipprovdu supplements għat-training, bħal vitamini u shakes, u kien qallu wkoll Ii seta' jordna numru ta' prodotti għalih bi prezzijiet tajbin.

Dora qaltlu ukoll li kienet inkwetata b'każ Ii kien qiegħed jinstema’ fil-Qorti fl-Ungerija u li kien involut fih ħuha li kien safa nieqes. Skond hi, kien hemm prostituta Ii ddikjarat li missier it-tifel tagħha kien ħu Dora, u peress Ii kien hemm problema finanzjarja, kienu fir-riskju Ii jitilfu I-każ. Għalhekk Dora talbitu jsellifha iżjed flus iżda huwa ma’ kienx sellifha xejn.

F’Settembru 2018, Dora marret tgħix ġewwa appartament fin-Naxxar għaliex skond hi, l-flat l-ieħor ġewwa tas-Sliema kien għadu mhux lest, u s-sid kien offriela dan l-appartament sabiex tirrisjedi fih temporanjament. Lejn nofs Settembru 2018, Dora siefret minn Malta lejn Londra sabiex tirranġa s-sitwazzjoni tal-*credit card* tagħha. Meta ġiet lura, qaltlu li kienu ħadu xi żball min-naħa tal-bank u l-card il-ġdida Ii kellha tirċievi, qatt ma waslitilha fl-indirizz tagħha f’Londra u għalhekk kienet baqgħet bla flus. Minkejja dan, wegħditu li ser tħallsu minnufih.

Ftit wara talbitu xi flus biex jixtri mobile għaliex skond hi kien inksirilha u peress li l-ammont ma’ kienx kbir kien silfilha l-ammont li talbet. Ftit wara talbitu ukoll xi flus sabiex iġġib xi affarijiet ta’ valur sentimentali minn *storage garage* li kellha fl-

Ungerija liema affarijiet qaltlu li kienu jappartjenu lil żewġha li kien safa nieqes. Għal darb’ oħra huwa reġa’ sellifhaffff l-flus mitluba.

Madwar Ottubru tal-2018, huwa kien iffinalizza l-kuntratt sabiex imur jaħdem mal-kumpanija li kienet taħdem magħha hi. Però fil-mument tal-iffirmar tiegħu qaltlu li kien hemm xi żball fih u għalhekk kien jeħtieġ li jkun hemm postponiment sakemm dan jitranġa.

F’Novembru 2018, Dora tarrfitlu li kien ħarġilha mard serju fil-fwied u li għalkemm kellha Health Insurance ġewwa Londra din ma’ kienetx ser tipprovdiha bil-finanzi neċessarji immedjatament u għalhekk fil-frattemp kien ser ikollha tħallas hi għall-kura sakemm I-istess insurance tkopriha. Hija għalhekk reġgħet talbitu jsellifha ammont, din id-darba sostanzjali, u huwa reġa’ aċċetta. Ftit ġimgħat wara infurmatu li kellha bżonn tħallas għal mediċina aktar b’saħħitha għaliex saħħitha kienet marret għall-agħar u saħansitra kienet fil-periklu li titlef ħajjitha. Ir-rikorrent għalhekk kien għaddielha l-flus permezz ta' bank transfer.

F'Diċembru 2018, infurmatu li ommha kienet qiegħda tmut u Ii kienet ġejja Malta biex tgħix magħha fl-aħħar ta’ ħajjitha. Qaltlu ukoll li sal-aħħar tax-xahar kienet ser tħallsu l-ammont kollu li kien sellifha. Huma t-tnejn qablu illi l-ammont totali misluf kien ta’ **€14,750**. Diċembru għadda u r-rikorrent baqa’ ma’ tħallasx.

F’Jannar 2019 Dora qaltlu li ommha kienet mietet. Meta r-rikorrent talabha d-dettalji tal-funeral hija kienet akkużatu illi qed jissuspetta ħażin fiha. Ftit wara qaltlu li kienet sejra Londra sabiex tieħu ħsieb xi affarijiet relatati mal-mewt t'ommha, kif ukoll sabiex tħallsu lura. Qaltu li kienet ser tħallsu permezz ta' flus kontanti jew inkella permezz ta' bank transfer. Huwa beda jissuspetta serjament li kienet qed tqarraq bih u meta kkonfrontaha hija kienet rrabjat u qaltlu li kien marid mentalment biex seta jaħseb f’dawn l-affarijiet.

Dora telgħet Londra u nfurmatu li kienet bagħtitlu l-flus permezz ta’ *bank transfer*. Dawn il-flus però baqgħu qatt ma’ ġew. Meta infurmaha b’dan kienet qaltlu li kienet ser tiġi lura Malta u tħallsu *cash.* Sussegwentement qaltlu li t-titjira kienet ġie kanċellata u għalhekk kienet ser tinżel Malta bil-mod bil-karozza flimkien ma’ ħabib tagħha.

Wara diversi ġimgħat bla kuntatt huwa rnexxielu jaqbadha u qaltlu li kienet pruvat tagħmel suwiċidju u li kienet spiċċat fi sptar tas-saħħa mentali. Huwa nfurmaha li kien sejjer jagħmel rapport mal-Pulizija. F'daqqa waħda hija qaltlu biex ma' jagħmilx dan u li kienet ser tinżel Malta minn Londra fl-24 ta' Mejju 2019 flimkien ma' impjegat tal-isptar. Jumejn wara Dora ħassret l-*account* tagħha ta' Facebook. Ir-rikorrent għamel kuntatt ma' ċertu Kitti Petroczki, tfajla Ungeriża Ii kienet ħabiba ta' Dora ġewwa Malta. Din qaltlu li ma' kienux baqgħu ħbieb għaliex Dora kienet serqitilha ġewwa l-Ungerija l-karta tal-identita tagħha u kienet anke pruvat tiġbed xi flus mill-kont bankarju tagħha. Ikkonfermatlu li f'Settembru 2018 ma' kienx veru li Dora kienet marret ġewwa Londra u li filfatt kienet marret l-Ungerija għaliex kellha xi seduti quddiem Qorti għal xi każ ta' frodi li kien pendenti kontriha fuq ammont li kien viċin il-mitt elf euro (€100,000). Qaltlu li Dora kienet taħdem bħala babysitter mingħajr ktieb u li isimha proprju kien Dora Luca Petroczi mhux Jamie Jordan Sawyer. Qaltlu ukoll illi mhux veru li omm Dora kienet mietet.

Ir-rikorrent mar jagħmel rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara però skond għalkemm fetħu rapport u ħadulu stqarrija qalulu li huma ma' setgħux jgħinuh peress li dan huwa każ ta' natura ċivili.

Huwa kkonfronta lill-intimata u din bejn theddiha u oħra ppromettietu li kienet ser tinżel Malta fl-24 ta' Mejju 2019 sabiex tħallsu. Hija tagħtu d-dettalji tat-titjira li kienet ġejja biha iżda dakinhar meta mar l-ajruport hija ma tfaċċatx.

Ftit wara huwa rnexxielu jikseb informazzjoni fejn l-intimata kienet qed tirrisjedi ġewwa Malta flimkien ma' ommha. Huwa sabha fid-dar tagħha f'Bormla u din qaltlu li kienet maħsuda kif kienet qaltlu li ser tħallsu. Dora aċċettat li jmorru flimkien sal-Għassa tal-Bormla sabiex jiffirmaw skrittura. Aċċettat ukoll illi l-għada jmorru għand avukat sabiex jiffirmaw dan il-ftehim. Din l-iskrittura saret quddiem l-Avukat Dr. Edward Zammit Lewis f'Mejju 2019, fl-uffiċju tiegħu ġewwa l-Belt. Permezz tal-ftehim Dora obbligat ruħha li tħallsu lura sas-6 ta' Ġunju 2019. Sal-lum il-ġurnata l-intimata però baqgħet ma' ħallsitux. Jgħid illi din l-esperjenza kkważatlu problemi psikoloġiċi u spiċċa ukoll biex għamel kwerela fil-konfront tagħha mal-Pulizija Eżekuttiva.

16. Fl-affidavit tagħha[4] omm ir-rikorrent, **Joan Gauci**, fejn ftit jew wisq ikkonfermat xi fatti li semma r-rikorrent fl-affidavit tiegħu liema fatti kienu ġew a konoxxenza tagħha personalment.

17. Fis-17 ta' Mejju 2021 ir-rikorrent ippreżenta nota[5] bis-segwenti dokumenti:

    1. Vera kopja tal-iskrittura privata li ġiet iffirmata bejn il-partijiet fis-27 ta' Mejju 2019[6];
    2. *Chat logs* bejn il-partijiet. *Inter alia* a fol 48 hemm indikat illi kienet l-intimata nnifisha li kkwantifikat l-ammont misluf lilha fl-ammont ta' €14,790.
    3. Kopja tal-kwerela li ġiet ippreżentata lill-Pulizija Eżekuttiva;
    4. Evidenza ta' trasferiment bankarju li seħħ fis-sena 2018.

18. In kontroeżami r-rikorrent ikkonferma li għajr għal darba waħda meta kien bagħtilha l-flus bir-*Revolut* (ara fol 59), huwa dejjem bagħtilha l-flus *cash.* Tenna ukoll illi llum il-ġurnata ma' jafx fejn qegħda l-intimata iżda jissuspetta li din għadha toqgħod ġewwa Bormla.

**Kunsiderazzjonijiet**

19. Mill-provi mressqa joħroġ b'mod ċar illi r-rikorrent safa vittma ta' truffatriċi illi ngannatu għal numru ta' drabi u abbużat mill-fiduċja tiegħu billi stiednitu jsellifha flus għal raġunijiet fittizji.

20. Fl-iskrittura ffirmata bejn il-partijiet fis-27 ta' Mejju 2019, l-intimata ddikjarat is-segwenti:

    *"I hereby declare that I have already received the sum of fourteen thousand, seven hundred ninety five Euro (€14,795) from Bjorn Gauci holder of Maltese Identity Card number 395690M and bind myself to pay the said sum without interest by not later than Monday the third (3rd) day of June 2019. I hereby declare that the said debt is certain, liquid and due. I hereby further declare that, should I be in default, interest will run from the fourth (4th) day of June 2019 at the highest rate permitted at law until the date of effective payment."*

---

[4] Fol 40-41
[5] Fol 45
[6] Fol 46

21. Il-Qorti tqis illi r-rikorrent seta' bbaża l-kawża tiegħu kompletament fuq din l-iskrittura u fuq l-inadempjenza kuntrattwali tal-intimata, minflok ma' ressaq xhiedha f'daqstant dettal fuq dak illi seħħ qabel il-partijiet waslu għall-iffirmar tal-ftehim.

22. Inoltre ġaladarba l-ammont in kwistjoni ġie maqbul bejn il-partijiet ir-rikorrent seta' faċilment talab l-ammont likwidat minflok ma' talab lill-Qorti tillikwida hi l-ammont li għandu jiġi mogħti lura mill-intimata. Il-konsegwenza ta' dan huwa illi in omaġġ tal-prinċipju "*in liquidandis non fit mora*" l-imgħaxijiet li tista' takkorda l-Qorti jistgħu jkunu biss dawk li jibdew jiddekorri mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tan-notifika tal-att ġudizzjarju li permezz tiegħu saret l-interpellazzjoni kontra l-intimata għall-ewwel darba.

23. Fil-verità r-rikorrent talab l-imgħaxijiet kummerċjali *"li ddekorrew skond l-iskrittura privata bejn il-partijiet"*. Madanakollu l-obbligazzjoni tal-intimata m'hijiex waħda li titqies bħala ta' xorta kummerċjali. Issa skond l-Art. 1141 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*'1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.'*

24. Għalhekk l-imgħaxijiet li ser takkorda l-Qorti ser ikunu dawk legali li jibdew jiddekorru fuq is-somma li ser tiġi likwidata mill-Qorti mid-data tas-sentenza.

**Deċiżjoni**

25. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi:**

1. **tiddikjara illi l-intimata hija debitriċi tar-rikorrent,**

2. **tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' erbatax-il elf seba' mija u ħamsa u disgħin euro (€14,795) rappreżentanti ammont misluf brevi manu mir-rikorrent lill-intimata,**

3. **tikkundanna lill-intimata tħallas dan l-ammont likwidat lir-rikorrenti bl-imgħaxijiet legali li jiddekorru mil-lum sad-data tal-effettiv pagament**

**Għar-raġunijiet mfissra iktar 'l fuq il-Qorti tordna li l-ispejjeż jinqasmu nofs bin-nofs.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur